MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 31/2010

***Bank of Valletta p.l.c.***

***Versus***

***Marsalite Limited***

1. F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob illi s-soċjetà konvenuta trodd ħamsa u tletin elf, tliet mija u sittin euro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€35,360.74) bilanċ ta' self magħmul lilll-konvenuta, billi l-attriċi qiegħda tgħid illi seħħew il-kondizzjonijiet biex tista' titlob il-ħlas lura tal-bilanċ kollu tas-self. L-attriċi qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk tal-ittra uffiċjali tat-28 ta' Mejju 2009, u l-imgħaxijiet mit-8 ta' Ottubru 2009 sa meta jsir il-ħlas.
2. Is-soċjetà konvenuta, għalkemm notifikata bl-atti u bl-avviż tas-smigħ, ma ressqitx eċċezzjonijiet fiż-żmien li tagħti l-liġi, iżda waqt is-smigħ tal-kawża deher rappreżentant tagħha u stqarr illi tassew illi l-konvenuta għandha tagħti daqskemm qiegħda titlob l-attriċi.

3. Mix-xiehda mressqa mill-attriċi u dik tar-rappreżentant tal-konvenuta jidher illi tassew illi l-konvenuta għandha tagħti daqskemm mitlub fir-rikors maħluf, u illi l-bilanċ tas-self għandu jintradd minnufih.

4. Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta ħamsa u tletin elf, tliet mija u sittin euro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€35,360.74), flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż mitluba fir-rikors maħluf.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------